TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI PRELIMINARI NRU. 1647

KAZ NRU. 2307

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Vivienne Camilleri

u

Corinthia Palace Hotel Company Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 14 ta' Novembru 2005.

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b'nota prezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fit-2 ta' Awissu 2005.

Vivienne Camilleri, aktar il-quddiem tissejjah l-"appellant", kienet assistita mill-Avukat Leslie Cuschieri u Corinthia Palace Hotel Company Ltd., aktar il-quddiem tissejjah l-"Kumpanija", kienet rapprezentata minn Ms Romina Pace assistita mill-Avukat Vanessa Borg.

Il-Kumpanija fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz sostniet li ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi l-appellant ma kienetx impjegata maghha izda mas-socjeta Five Star Hotels Ltd.

Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrezulta li :

- l-appellant kienet originarjament impjegata mal-Corinthia Palace Hotel Company Ltd.
- kienet impjegata ghal perijodi *full-time* u ghal perijodi ohra *part-time*.
- inghataw direttivi li mis-7 ta' Marzu 2004 kull kuntratt ta' impieg ghandu isir mal-Five Star Hotels Company Ltd.

- il-Kumpanija ma infurmatx lill-impjegati ufficjalment bit-trasferiment tal-impieg taghhom minn ma Kumpanija ghal ohra izda kull kuntratt gdid jew tigdid ta' kuntratt ezistenti beda jsir ma Five Star Hotels Ltd.
- l-appellant iffirmat kuntratt fid-19 ta' Lulju 2004 ghal impieg ta' xagharejn ma Five Star Hotels Ltd. u iffirmat tnejn ohra ta' tigdid ma l-istess Kumpanija li wasslu sat-3 ta' Ottubru 2004.
- Minn din id-data sa l-14 ta' April 2005, id-data tat-tkeccija, l-appellant ma kelliex kuntratt ghaliex, skond il-Kumpanija, kienet impjegata fuq bazi *part-time*.

It-Tribunal ikkonsidra li :

- l-appellant tghid li hi min ghaliha li baqghet impjegata ma l-istess Kumpanija li bdiet tahdem maghha u qatt ma rrejalizzat li din kienet imbidlet.
- qalet ukoll li hi ma tafx taqra u li ma nghatatx kopji tal-kuntratti imsemmija.
- barra minn hekk baqghet taghmel l-istess xoghol fl-istess post u meta kienet iggedded l-impieg kient tqis li ghadha ma l-istess principal.

- il-Kumpanija issostni li meta kien isir kuntratt, gdid jew ta' tigdid, dejjem kien jinghata lill-impjegat koncernat biex jivverifikah qabel jiffirma.
- meta kienet tintalab assistenza biex jigi mfisser il-kontenut tal-kuntrat dejjem kienet tinghata biex l-impjegat ikun jaf x'qed jiffirma.
- kienet l-procedura li mpjegati jinghataw kopja tal-kuntratt li jkunu ffirmaw.

Huwa fatt li l-appellant iffirmat il-kuntratt tas-19 ta' Lulju 2004 u z-zewg tigdidiet tieghu sat-3 ta' Ottubru 2004 fejn il-firmatarju kien ghall-Kumpanija Five Star Hotels Ltd. u jmissha qadet attenta x'qed tiffirma. Izda t-Tribunal jidirlu li ghandu jikkonsidra ic-cirkostanzi kollha li setghu effetwa s-sitwazzjoni ta' l-appellant.

L-ewwel nett in-nuqqas tal-Kumpanija li tinforma ufficjalment lill-impjegati bil-bidla fl-isem tal-kumpanija li kienet qed timpjegahom. Naturalment il-kumpanija ghamlet din il-bidla ghal ragunijiet fl-interess taghha u li ma kienux jeffetwaw l-impjegati ezistenti billi dawn kienu se jibqghu jaghmlu l-istess xoghol fl-istess post. L-impjegati, specjalment dawk fil-gradi bhal ta' l-appellant, ma jkunux intizi fl-intricci tan-negozju u d-differenzi bejn Gruppi ta' Kumpaniji, Kumpaniji u s-Sussidjarji taghhom.

It-Tribunal innota li l-Kumpanija ma nfurmatx l-ETC dwar il-bidla u, kieku l-appellant ivverifikat ghand l-ETC ma min kienet irregistrata bhala mpjegata (haga li fil-fatt ma ghamlitx), kienet issib li ghadha tidher mal-Corinthia Palace Hotel Company Ltd. Id-dokumenti tal-*Final Settlement System (FSS)* immarkati RP 5, 6, 7 u 10, li taghhom suppost tinghata kopja l-appellant, kollha juru l-kumpanija li qed timpjegaha bhala Corinthia San Gorg Hotel, l-post fejn kienet tahdem qabel u wara s-7 ta' Marzu 2004. Dwar il-kuntratti (RP 1,2 u 3) ma giex pruvat definittivament la li nghatat kopji u anqas li ma nghatatx.

Mix-xhieda tat-3 ta' Ottubru 2005 jirrezulta li fil-Corinthia Group hemm il-Corinthia Hotels International li taghha hi sussidjarja il-Five Star Hotels Company Ltd. li imbaghad taghha hi sussidjarja l-Corinthia San Gorg Hotel. Hemm ukoll, izda separatament, il-Corinthia Palace Hotel Company Ltd.

It-tribunal huwa tenut li jizgura li l-gustizzja issir skond il-merti tas-sustanza tal-kaz u skond ir-regoli tal-gustizzja naturali. Ma jhossx li jkun qed josserva dawn jekk jaccetta li ma jismghax il-kaz fuq is-sustanza tal-merti semplicement ghaliex il-Kumpanija li kienet tahdem maghha l-appellant bidlet isimha. Barra minn hekk jekk kien hemm nuqqas minn naha ta' l-appellant kien hemm ukoll nuqqasijiet minn naha tal-Kumpanija u cirkostanzi li setghu kkagunaw l-izball ta' l-appellant. Ma jidhirlux li l-provvedimenti tal-Ligi dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali ghandhom jigu stultifikati fuq teknikalita legali partikolarment meta l-Kumpanija naqset li taghmel proceduri stabbiliti u xierqa u fejn, hlief fil-bdil ta' l-isem tal-Kumpanija, baqghet issehh relazzjoni ta' principal u mpjegata li ghaliha, meta tkecciet, ma kienx hemm kuntratt miktub.

It -Tribunal ma jilqax l-eccezjoni tal-Kumpanija u anqas ma jilqa' dik li l-appell ma sarx fiz-zmien preskritt fil-ligi. Jordna li l-kaz jibqa jinstema fuq is-sustanza tal-merti.

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
Segretarja.